# QORTI KOSTITUZZJONALI

## IMHALLFIN

## S.T.O. PRIM IMHALLEF JOSEPH AZZOPARDI
## ONOR. IMHALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO
## ONOR. IMHALLEF ANTHONY ELLUL

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 27 ta' Marzu, 2020.**

**Numru 17**

**Rikors numru 69/17 LSO**

**Claire Pisani**

**v.**

**Avukat Generali illum Avukat tal-Istat; Kummissarju tal-Pulizija**

**Il-Qorti:**

1. B'rikors preżentat fit-28 ta' Awissu, 2017 ir-rikorrenti lmentat li l-intimati kienu naqsu mill-obbligazzjonijiet pożittivi li jissalvagwardjaw is-sigurta`, id-dinjita u l-privatezza tagħha u l-familja. Talbet lill-Qorti sabiex:-

> *"1. Tiddikjara u tiddeċiedi illi n-nuqqas ta' azzjoni immedjata u effettiva da parti tal-intimati, jew min minnhom, kif hawn fuq*

*premess tammont għal ksur tad-drittijiet fundamentali tal-esponenti taħt l-Artikoli 32, 36 u 44 tal-Kostituzzjoni ta' Malta; l-artikoli 1,3,8 u 13 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem; u l-Artikolu 18 tal-Att dwar ir-Ratifika tal-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-Prevenzjoni u l-Ġlieda kontra l-Vjolenza fir-rigward tan-Nisa u l-Vjolenza Domestika;*

"*2. Tagħti dawk ir-rimedji u direttivi opportuni sabiex id-drittijiet tal-esponenti jiġu salvagwardati fis-sens premess u tikkundanna lill-intimati, jew min minnhom, sabiex iwettqu tali rimedji fi żmien qasir u perentorju;*

"*3. Tillikwida kumpens in lineja ta' danni non pekunjarji sofferti mill-esponenti b'konsegwenza tal-leżjoni tad-drittijiet fundamentali tagħha kif premess u tikkundanna lill-intimati sabiex iħallsu l-istess fi żmien qasir u perentorju".*

2. B'sentenza tas-16 ta' Lulju, 2019 il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili iddeċidiet il-kawża billi:-

*"1. Tilqa' l-ewwel talba limitatament in kwantu li tiddikjara u tiddeciedi illi n-nuqqas ta' azzjoni immedjata u effettiva da parti tal-intimati, jew min minnhom, kif hawn fuq spjegat u kkonstatat f'din is-sentenza, tammonta ghal ksur tad- drittijiet fundamentali tar-rikorrenti taht l-Artikolu 36 tal- Kostituzzjoni ta' Malta u taht l-Artikoli 3 u 8 tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem, tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talba rigwardanti l-artikolu 13 tal-Konvenzjoni, u tichad it-talbiet attrici fir-rigward tal-artikoli rimanenti dedotti fl-ewwel talba taghha;*

*"2. Tilqa' t-tieni talba fis-sens li tqies li d-dikjarazzjoni ta' ksur tad-drittijiet kif misjuba fil-paragrafu precedenti flimkien ma' danni non pekunjarji huma rimedji sufficjenti fic-cirkostanzi tal-kaz. Tissollecita lill-Kummissarju tal-Pulizija sabiex jiehu nota tal-mankanzi li gew ikkonstati fis-sentenza sabiex jigi evitat aktar trawma lir-rikorrenti.*

*"3. Tillikwida kumpens in lineja ta' danni non-pekunjarji sofferti mill-esponenti b'konsegwenza tal-lezjoni tad-drittijiet fondamentali taghha kif premess fl-ammont ta' hamest elef ewro (€5,000) u tikkundanna lill-intimat Kummissarju tal-Pulizija sabiex ihallasha dan l-ammont hekk likwidat, bl-imghaxijiet legali dekorribbli minn tlett (3) xhur millum sad-data tal-pagament effettiv.*

> *"Konsegwentement tilqa' l-eccezzjonijiet tal-intimati in kwantu li dawn jirreferu ghall-allegat vjolazzjoni tal-Artikolu 32 u 44 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-Artikoli 1 tal- Konvenzjoni Ewropea u tal-Artikolu 18 tal-Konvenzjoni Istanbul"*.

3. L-intimati appellaw minn dawk il-partijiet tas-sentenza tal-ewwel Qorti tas-16 ta' Lulju, 2019 li bihom sabet favur ir-rikorrenti li kien hemm ksur tad-drittijiet fundamentali tagħha taħt l-artikolu 36 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, u l-artikoli 3 u 8 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem. L-aggravji huma li l-ewwel Qorti żbaljat meta:-

- Ikkonkludiet li kien hemm vjolazzjoni tal-artikolu 36 tal-Kostituzzjoni u l-artikoli 3 u 8 tal-Konvenzjoni. Argumentaw li għamlu u qegħdin jagħmlu dak li hu raġonevoli u legalment possibbli. Il-fedina penali hi fiha nnifisha prova li l-awtoritajiet aġixxew kontra Joseph Pisani meta kien hemm każijiet ta' vjolenza. Hu biss f'każijiet *borderline* li ma ttieħdux proċeduri kriminali. Kull meta kien hemm l-element ta' reat u provi sabiex tinstab il-ħtija, il-pulizija mexxew kontra Joseph Pisani;
- Ikkundannat lill-intimati jħallsu l-ispejjeż kollha, meta tqies li ċaħdet l-ilment tar-rikorrenti fir-rigward ta' ksur tal-artikoli 32 u 44 tal-Kostituzzjoni, l-artikolu 1 tal-Konvenzjoni Ewropea u l-artikolu 18 tal-Att dwar ir-Ratifika tal-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-Prevenzjoni u l-Ġlieda kontra l-Vjolenza

fuq in-Nisa u l-Vjolenza Domestika. Għalhekk isostnu li r-rikorrenti kellha tbati parti mill-ispejjeż ġudizzjarji.

4. L-intimati wieġbu u taw ir-raġunijiet għalfejn l-appell għandu jkun miċħud.

5. Il-każ jitratta dwar vjolenza domestika li r-rikorrenti ilha ssofri għal numru ta' snin mingħand żewġha.

6. Wara li l-Qorti qrat l-atti, taqbel perfettament mal-ewwel Qorti li:

i. Ir-rikorrenti hi persuna vulnerabbli. Għadha qegħda tbati l-konsegwenza ta' snin ta' vjolenza domestika;
ii. Għamlet numru kbir ta' rapport f'diversi għases ta' pulizija;
iii. Minkejja li kien hemm każijiet fejn ittieħdu proċeduri kriminali kontra żewġha, ħruġ ta' ordni ta' protezzjoni, kundizzjonijiet meta ingħata ħelsien mill-arrest, żewġha baqa' jagħti lok għall-inċidenti u r-rapporti baqgħu deħlin;
iv. Ir-rikorrenti kienet u għadha tgħix f'biża' għaliha u għal uliedha minħabba l-aġir ta' żewġha;
v. Kien hemm diversi każijiet fejn sar rapport, u l-pulizija ma ħaditx passi jew damet sabiex teħodhom;

7. L-ewwel Qorti għamlet ukoll riferenza għal dawk li rreferiet għalihom bħala *'nuqqasijiet sistematiċi'* min-naħa tal-pulizija:

> *"Illi din il-Qorti tikkonsidra li hemm nuqqasijiet sistemici fil-proceduri tal-Pulizija fl-investigazzjoni tar-rapporti u kwereli maghmulin minn vittmi ta' vjolenza domestika, u anke ghall-prosekuzzjoni ta' dawn il-kawzi.*
>
> "*Mhuwiex il-kompitu ta' din il-Qorti li tissostitwixxi d-diskrezzjoni taghha ghal dik tal-Istat ghaliex huwa evidentement l-Istat li jgharbel liem hu l-mekkanizmu l- aktar efficjenti biex iwettaq l-obbligazzjonijiet tieghu mhux biss taht il-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem imma in ottemperanza tar-responsabbilitajiet assunti taht trattati u konvenzjonijiet internazzjonali bhal ma hi l-Konvenzjoni Istanbul. Inoltre huwa l-Istat li ghandu jara x'risorsi umani u amministrattivi jista' jiddisponi minnhom.*
>
> "*Illi tissenjala dak li, fil-fehma taghha, jikkostitwixxu dawk in-nuqqasijiet l-iktar gravi li jikkostitwixxu mankanza fl-obbligu tal-Istat fit-trattament tal-kaz tar-rikorrenti bi ksur tal- obbligazzjonijiet pozittivi li jinkombu fuq l-Istat taht l-* ***artikolu 3 u l-artikolu 36:***
>
> "*1. Nuqqas ta' sistema centralizzata li tiddokumenta ordnijiet ta' protezzjoni sabiex il-piz tal-prova ma jinkombix fuq il-vittma li tipprovdi taghrif dwarhom. Hekk kif gie kkonfermat mill-**Ispettur Sylvana Gafa** li l-korp tal-Pulizija ma ghandha l-ebda sistema ta' flagging jekk vittma jkollha ordni ta' protezzjoni. Din l-informazzjoni ghandha tkun accessibbli f'kull ghassa ta' kull distrett.*
>
> "*2. Ma hemmx ufficcju centrali ghall-prosekuzzjoni ta' kazijiet ta' vjolenza domestika. Jezisti l-Victim Support Unit u anke l-Vice Squad, izda jirrizulta mill-assjem tal-provi li l-prosekuzzjoni ta' dawn il-kazijiet attwalment tinfirex mad- distretti separatament. Infatti rapporti dwar abbuzi simili isiru fl-ghassa ta' distrett partikolari, bir-rizultat li vittma ta' aggressjoni jista' ikollha rapporti ma' diversi ghases kontra l-istess persuna. Dawn jigu segwiti minn Spetturi differenti u l-kazijiet huma trattati separatament minkejja li l-vittma u l-aggressur taghha huma l-istess. L-Ispetturi lanqas ikunu jafu jekk iddahhlux rapporti f'distretti ohra dwar l-istess persuni involuti.*
>
> "*Fix-xhieda tieghu**, l-Ispettur Johann Fenech** jghid 'jien as such niehu hsieb il-kawza tieghi, u f'kaz illi jekk ikun hemm breach ta' xi kondizzjonijiet tal-bail ta' kawza tieghi.' Fl- istess xhieda, l-Ispettur jghid illi kif appena l-esponenti marret toqghod gewwa Marsascala huwa ma kienx jaf x'azzjoni kienet qed tittiehed stante illi dan ma kienx jaqa' taht d-distrett tieghu (ara paġna 3 tat-transkritt tax-*

*xhieda tieghu datata 9 ta' Jannar 2018). L-Assistent Kummissarju Dennis Theuma jzid jghid illi m'hemm l-ebda sistema interna sabiex pulizija ohra jkunu jafu min qieghed imexxi kaz minn distrett jew skwadra ohra.*

"*3. Tajjeb ukoll tissottemetti r-rikorrenti li ma jirrizultax li hemm xi standard operating procedure da parti tal-Pulizija biex jinvestigaw kazijiet ta' vjolenza domestika u ticcita mix- xhieda tal-Assistent Kummissarju fejn qal: "Kull persuna ghandha l-approach" taghha. Huwa jzid jghid li "Kull kaz ghalih u kull kaz irid jinghata l-importanza. Dik li nista' nghidlek zgur." Meta rrinfaccjat b'kopja tal-linji gwida mahruga fl-2007, xehed 'suppost id-Distretti kollha jafu bihom dawn' u li jenfassizaw fuqhom, u li kopja ta' dawn il- linji gwidi jinstabu gewwa 'folder' gewwa l-ghassa izda jghid li ma jafx x'jigri fid-distretti.*

"***Illi l-htiega ta' linji gwida li ghandhom jigu segwiti skrupolozament u li jinkludu risk assessment hija sine qua non f'kawzi bhal dan sabiex ikun hemm koordinament fl-azzjonijiet li jittiehdu mill-pulizija kemm fl-investigazzjoni kif ukoll fir-respons li jaghtu lill-vittmi ta' vjolenza.***

"*4. Irrizulta wkoll mill-provi prodotti illi rapporti ta' vjolenza domestika ma nghatawx l-ispedizzjoni u prijorità li kienu jimmeritaw meta proprju kien hemm klima ta' fastidju u stalking.*

"*5. Gie senjalat mir-rikorrenti dak li xehed in kontro-ezami, **l-Ispettur John Spiteri** fejn jghid illi l-imgieba ta' 'Y', u cioe` l-fatt illi baqa' jghaddi minn quddiem id-dar tal- esponenti, l-fatt li qabbad lill-haddiehor jimxi wara l-passi tal-esponenti (ara kopja tar-rapport tal-probation officer Joanna Farrugia datat 3 ta' Lulju 2017), bosta telefonati u mezzi ohra ta' telekomunikazzjoni mal-esponenti u membri tal-familja taghha, kienu 'fine line li jien kont qed nigi f'posizzjoni fejn wara wkoll li kont inkun ikkonsultajt ma' l- Avukat Generali ma jkunx hemm l-elementi kollha rikjesti mil-ligi biex jiena inkun nista' inressaq u tista' tinstab htija minghajr dubju detatt mir-raguni kif suppost isir fil-kamp kriminali'. Illi hawnhekk taqbel mar-rikorrenti li dan l- atteggjament mhu xejn car meta wiehed iqis li 'Y' kien diġà akkuzat b'reat ta' fastidju u segwiment ta' persuna u sahansitra gie misjub hati u inhargu kondizzjonijiet mill- Qorti. Mistoqsi dwar kaz minnhom fejn zewgha kien cempel id-dar ta' omm ir-rikorrenti, u Pisani kien qallu li cempel biex ikellem lit-tfal tieghu qal: "Hawnhekk jiena bhala investigatur u bhala prosekutur nigi bejn halltejn.*

"*Ghax jien ma nistax ma naghtix kaz dak li jkun qed jigri lill- vittma, pero' still at the back of my mind hemm id-drittijiet kollha tal-imputat." Huwa minnu li jrid jaghraf jekk l-agir kien bi ksur tal-ordni, imma kellu jaghraf ukoll li meta Qorti gja harget ordni ta' protezzjoni, kull kuntatt ghandu jigi impedut. F'dan il-kaz kellu*

*jipprocedi biex jirrettifika s- sitwazzjoni b'talba appozita liema talba ma jirrizultax li saret.*

"***Illi b'rizultat ta' dawn il-mankanzi, il-Pulizija stess holqu ambjent ta'rivittimizzazzjoni (secondary victimisation) tar-rikorrenti.***

"*Tant hu hekk li r-rikorrenti tilfet kull speranza li kienet ser tikseb protezzjoni mill-awtoritajiet tal-pulizija u mis-sistema gudizzjarja fil-pajjiz. Huwa evidenti li s-sistema falliet, u falliet bil-kbir specjalment tenut kont in-numru ta' rapporti li saru mir-rikorrenti, u n-nuqqas tal-Pulizija li jipprocedu fuq uhud minnhom fl-ambitu ta' eskalazzjoni ta' abbuzi.*

"*Ghaldaqstant issib li d-drittijiet tar-rikorrenti kif sanciti bl-artikolu 36 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni gew lezi u kwindi ser tghaddi biex tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti abbazi ta' dawn l-artikoli".*

8. Fis-sentenza l-ewwel Qorti semmiet ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem dwar vjolenza domestika u b'riferenza għall-artikolu 3 tal-Konvenzjoni. Minnha jirriżulta li:-

i. L-obbligu tal-Istat li jkollu *legal framework* sabiex jikkumbatti l-vjolenza domestika. Ir-rikorrenti ma tikkontestax li dan jeżisti f'Malta;

ii. Ir-responsabbilta` tal-awtoritajiet li jieħdu miżuri ta' protezzjoni sabiex iservu ta' deterrent kontra ksur serju tal-integrita` personali ta' persuna minn membru tal-familja tagħha;

iii. L-obbligu tal-awtoritajiet li jagħmlu investigazzjoni effettiva dwar allegazzjonijiet ta' ***ill-treatment***.

9. Li dan kien każ ta' *ill-treatment* minn Joseph Pisani fil-konfront ta' martu r-rikorrenti, hu evidenti. Biżżejjed wieħed jaqra r-rapporti varji li għamlet ir-rikorrenti mal-pulizija u l-affidavit li ppreżentat (fol. 672). Il-perjodu ta' żmien kemm ilu għaddej dan abbuż, hu prova oħra tas-serjeta tal-każ. Inċidenti ripetuti li fir-rikorrenti nisslu biża', ansjeta` u dispramnent. Il-kontro-eżami tar-rikorrenti ikompli jaċċentaw il-martirju li r-rikorrenti għaddejja minnu. Il-Qorti tikkonkludi li f'dan il-każ kien hemm trattament inuman li jissemma' fl-artikolu 3 tal-Konvenzjoni.

10. Minkejja li fis-16 ta' Frar, 2015 inħarġet ordni ta' protezzjoni kontra Joseph Pisani *ai termini* tal-artikolu 412Ċ tal-Kodiċi Kriminali, l-inċidenti baqgħu iseħħu. B'dik l-ordni Joseph Pisani suppost kien projbit milli javviċina, isegwi l-movimenti tar-rikorrenti u milli jkollu kuntatt magħha jew jimmolestaha. Ordni li kellha tibqa' fis-seħħ għall-perjodu ta' sentejn.

11. Fir-rikors tal-appell, l-intimati ma qalu xejn li b'xi mod jista' jikkonvinċi lil din il-Qorti li fis-sentenza appellata ma sarx apprezzament korrett tal-fatti. In-nuqqasijiet li ssenjalat l-ewwel Qorti huma lampanti. Hekk per eżempju li l-vittma ta' vjolenza domestika m'għandhiex *reference point* wieħed fejn tkun tista' tagħmel rapporti, iżda jkollha toqgħod tagħmel rapporti f'għases differenti, milli jidher skont il-post fejn ikun seħħ l-inċident. Dan iwassal ukoll għal nuqqas ta' kordinazzjoni, iktar

u iktar meta tikkunsidra li m'hemmx sistema ċentralizzata. B'hekk il-vittma jkollha kull darba li tagħmel ir-rapport toqgħod tirrepeti l-martirju li tkun għaddejja minnu, u saħansitra tippreżenta provi dokumentarji fl-għassa fejn tagħmel ir-rapport (eżempju, ordni ta' protezzjoni). F'dan ir-rigward per eżempju fir-rapport li sar fl-14 ta' Ġunju, 2018 jingħad: *"Is-sinjura Pisani ġiet infurmata mill-Pulizija sabiex tippreżenta d-dokumenti neċessarji rigward il-bail kif ukoll il-garanzija sabiex ikunu jistgħu jipproċedu"* (fol. 725). Dak hu eżempju klassiku dwar dak li rreferiet għalih l-ewwel Qorti.

12. L-intimati argumentaw li kull meta kellhom biżżejjed provi sabiex jakkużaw lil Joseph Pisani, *"... huma ma baqgħux lura u ħadu l-passi kriminali neċessarji"*. Pero` kien hemm diversi każijiet fejn ma jirriżultax li ħadu passi, u ma tawx spjegazzjoni suffiċjenti għalfejn. Il-prova li l-pulizija tkun ħadet il-passi ssir billi tiġi preżentata kopja legali ta' *charge sheet* u s-sentenza tal-Qorti. Lanqas mhu biżżejjed li l-Pulizija tgħid li ma jieħdux passi fejn m'hemmx biżżejjed provi jew li l-każ kien borderline. Il-Pulizija iridu jagħtu spjegazzjoni konvinċenti kif waslu għal dik il-konklużjoni, fosthom x'investigazzjoni saret qabel iddeċidew li jagħlqu l-każ. L-ewwel Qorti kkonkludiet li kien hemm *"diversi rapporti fejn il-pulizija naqqsu milli jieħdu azzjoni"*. Fir-rikors tal-appell ma ntqal xejn li jista' jikkonvinċi lil din il-Qorti li kien hemm xi ġustifikazzjoni li kien hemm diversi każijiet fejn ma ttieħdux passi. Ir-ripetizzjoni ta' inċidenti simili għal

xulxin hi prova fiha nnifisha li l-Istat ma kienx qiegħed jagħmel biżżejjed sabiex jipproteġi lir-rikorrenti mill-aġir abbużiv ta' żewġha. L-inċidenti ripetuti li ta lok għalihom Joseph Pisani huma prova ċara li baqa' jippersisti fl-aġir tiegħu qiesu xejn mhu xejn. Dan minkejja l-fatt li suppost ir-rikorrent kellha ordni ta' protezzjoni favur tagħha. L-Istat kien fid-dmir li jieħu l-passi li huma meħtieġa sabiex ir-rikorrenti tkun protetta minnu u ma tkomplix tgħix f'ħajja ta' biża' u dwejjaq. L-appendiċi mehmuż man-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrenti (fol. 759-764) jagħti stampa ċara minn x'hiex ir-rikorrenti qiegħed ikollha tgħaddi minnu. Soluzzjoni li wara dawn is-snin kollha evidentement għadha ma nstabitx. Biżżejjed li wkoll waqt li jkunu għaddejjin il-proċeduri kriminali, l-inċidenti ta' *harassment* baqgħu għaddejjin. Dan apparti dawk il-proċeduri fil-Qrati li qegħdin idumu wisq u li jkomplu jpoġġu tbattija fuq il-vittma.

13. Għal dak li jirrigwarda l-ilment taħt l-artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem, rilevanti hi s-sentenza fl-ismijiet **Hajduova v Slovakia** (2660/03) deċiża mill-Qorti Ewropea fit-30 ta' Novembru 2010, fejn ġie osservat:

> *"It is clear that A.'s repeated threats following his release from hospital, which constitute the basis of the applicant's complaint under Article 8 of the Convention, did not actually materialise into concrete acts of physical violence (compare and contrast the case of Bevacqua, cited above, in which the Court found that the State had breached its positive obligations under Article 8).* ***Notwithstanding, the Court considers that given A.'s history of physical abuse and menacing behaviour towards the applicant, any threats made by him would arouse in the applicant a well-founded fear that they might be carried out.***

> ***This, in the Court's estimation, would be enough to affect her psychological integrity and well-being so as to give rise to an assessment as to compliance by the State with its positive obligations under Article 8 of the Convention*”.**

14. Wara li qieset il-provi kollha, il-Qorti m'għandha l-ebda dubju li għall-każ in eżami japplika wkoll l-insenjament ta' dik il-Qorti. Ir-rikorrenti spjegat b'mod dettaljat minn x'hiex għaddiet minnu u għadha għaddejja minnu u kif dan kollu effettwa l-ħajja ta' kuljum. F'dan ir-rigward hi wkoll rilevanti dak li xehdet l-Ispettur Sylvana Gafa' mill-Victim Support Unit li x-xhud qalet li twaqqfet fl-2017 (fol. 695-699), li qalet li kienet ilha ssegwi lir-rikorrenti mis-sena 2016. Il-Qorti temmen li r-rikorrenti għandha biża' u dwejjaq li minn ġurnata għall-oħra ser jinqala' xi inċident ieħor. Hu evidenti li żewġha m'aċċettax li martu ħadet il-passi għas-separazzjoni, u għalih hu l-vittma għaliex ġie mifrud il-familja u jsostni li spiċċa ma jkollux aċċess għal uliedu. Sitwazzjoni li mir-rapporti tal-probation officers li hemm fl-atti, jidher li effetwatu l-mod kif qiegħed jirraġuna. Saħansitra, kien hemm okkazjonijiet fejn kellu jiġi rikoverat l-isptar. Meta tqis dak kollu li diġa` intqal, din il-Qorti taqbel ma' dak li ntqal fis-sentenza li r-rikorrenti tat prova li *"sofriet trawmi psikoloġiċi ta' ċertu severita', mhux biss minħabba l-aġir ta' żewġha, imma wkoll minħabba l-fatt li żewġha baqa' jaġixxi b'impunita' minkejja l-ordnijiet maħruġa kontrih"*, u li n-nuqqasijiet tal-pulizija *".... kumulattivament jammontaw għall-ksur tal-obbligazzjonijiet pożittivi tal-Istat li jassigura r-rispett tal-ħajja privata u tal-familja tar-rikorrenti"*.

15. L-aħħar aggravju jitratta dwar l-ispejjeż. Il-prinċipju ġenerali hu li l-ispejjeż ġudizzjarji għandu jagħmel tajjeb għalihom it-tellief fil-kawża (artikolu 223 tal-Kap.12). Hu veru li l-ewwel Qorti ma sabitx ksur ta' wħud mid-disposizzjonijiet fil-Kostituzzjoni u Konvenzjoni. Pero` il-kap tal-ispejjeż jaqa' fid-diskrezzjoni tal-ewwel Qorti u m'għandux ikun faċilment disturbat mill-qorti ta' reviżjoni. Il-fatt li l-ewwel Qorti ma sabitx ksur tad-disposizzjonijiet kollha li jissemmew fl-ewwel talba tar-rikors promotur, ma jfissirx li r-rikorrenti kellha tkun kundannata tħallas parti mill-ispejjeż ġudizzjarji. It-talbiet prinċipali tar-rikorrenti intlaqgħu u għalhekk l-ewwel Qorti kellha jedd li tikkundanna lill-intimati jħallsu l-ispejjeż kollha tal-proċeduri.

Għal dawn il-motivi tiċħad l-appell bl-ispejjeż kollha kontra l-intimati, u tikkonferma s-sentenza appellata.

| | | |
|---|---|---|
| Joseph Azzopardi<br>Prim Imhallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imhallef | Anthony Ellul<br>Imhallef |

Deputat Registratur
gr